31990L0623

L 333/65 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.11.1990

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
tas-7 ta' Novembru 1990
li temenda l-Anness II mad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali

(90/623/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/2/KEE [2],

Billi, skond it-tagħrif xjentifiku u tekniku preżenti, jidher illi ċerti varjetajiet tal-ħafur (l-*Avena sativa*) tat-tip "*naked oat*" għandhom valur potenzjali bħala għalf aħdar;

Billi, madankollu, huwa diffiċli li tiġi prodotta ż-żerriegħa ta' dawn il-varjetajiet bil-kapaċità tal-ġerminazzjoni daqs dik normalment miksuba miż-żerriegħa tal-varjetajiet tal-ħafur;

Billi bid-Direttiva 88/506/KEE [3] il-Kummissjoni ddikjarat illi, fid-dawl ta' l-iżvilupp fit-tagħrif xjentifiku u tekniku kien approprjat li jitnaqqas għall-varjetajiet tal-ħafur tat-tip *"naked oat"*, il-kapaċità minima tal-ġerminazzjoni ta' 85 % taż-żerriegħa pura kif stabbilit għall-ħafur fl-Anness II tad-Direttiva 66/402/KEE għal 75 %;

Billi dan it-tnaqqis kien japplika biss sat-30 ta Ġunju 1990 sabiex ikun jista' jingħabar u jitqies iktar tagħrif tekniku dwar dawn il-varjetajiet;

Billi iktar tagħrif tekniku wera li huwa approprjat illi t-tnaqqis jissokta għal perjodu ieħor limitat taż-żmien sabiex ikun jista' jingħabar u jitqies iktar tagħrif tekniku dwar dawn il-varjetajiet;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Fit-Taqsima (2)(B)(d) ta' l-Anness II mad-Direttiva 66/402/KEE, id-data "it-30 ta' Ġunju 1990" tiġi mibdula bid-data "il-31 ta' Diċembru 1992".

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66.
(2) ĠU L 5, tas-7.1.1989, p. 31.
(3) ĠU L 274, tas-6.10.1988, p. 44.